MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 310/2003

***Advantage Advertising Limited***

***vs***

***Tonio Vella***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u sitta u erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1146.36) rappresentanti hlas ghal *advertising* fil-*“Malta This Month”.*

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-5 ta’ Dicembru 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Jean Scerri ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u sitta u erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1146.36), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------